MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 23/2013

**Antonio Basile (K.I.22757A) ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Venesia'**

**vs**

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C22356)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 15 ta' Jannar, 2013 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed teccepixxi:

Illi r-rikorrent xtara fridge tal-mudell TECFRIGO FVS700-L2055XD629XH892MM minghand is-Socjeta' intimata fit-2 ta' Novembru, 2011 ghall-prezz ta' disa' mija u

tmintax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu (€918.59c), kif jidher mill-annessa kopja tal-fattura mmarkata 'Dok AB1';

Illi l-fridge in kwistjoni mill-ewwel bdiet taghti problem stante li t-*thermostat* ma bediex jahdem sew u t-temperatura bdiet tvarja wehidha bejn l-10 gradi *Celsius* u l-4 gradi *Celsius* taht iz-zero, b'rizultat ta' liema fridge bdiet taghmel l-ilma u tirrovina ikel mizmum go fiha;

Illi haddiema tas-Socjeta' intimata gew aktar minn darba sabiex jippruvaw jirrangaw dan id-difett izda ma rnexxilhomx;

Illi s-Socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tirrifondi l-prezz tal-fridge difettuza, nkluz permezz t'ittra ufficjali numru 2652/12, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata 'Dok AB2', izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi adottata l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara lis-Socjeta' intimata responsabbli ghad-danni kagunati mill-fridge difettuza mibjugha lir-rikorrenti;

2. Jillikwida s-somma dovuta mis-Socjeta' intimata konsistenti f'disa' mija u tmintax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu (€918.59c), oltre spejjez u nteressi sad-data tal-pagament effettiv skont il-Ligi;

3. Jikkundanna lis-Socjeta' ntimata ghall-pagament tas-somma hekk likwidata jew somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-Socjeta' ntimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rar ir-risposta tas-Socjeta’ konvenuta datata 12 ta’ Marzu, 2013 fejn eccepixxiet:

Illi l-pretensjoni tal-attur noe, huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ampjament muri fil-kors ta’ din il-kawza;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati mill-attur u s-Socjeta’ konvenuta tezimi ruhha minn kull responsabilita’;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda ammont ma huwa pagabbli mis-Socjeta’ konvenuta li ghandha tigi liberata minn kull htija u mputazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta’ Marzu, 2013, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘A’, kollha kontra l-attur.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Marzu, 2015 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz is-Socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil Creative Refurbishing Centre Malta Limited sabiex thallas s-somma ta’ f’disa’ mija u

tmintax-il Ewro u disgha u hamsin centezmu (€918.59c) illi huwa l-ammont li hallas ghal fridge li nbieghet lilu. [1]

Xehed **Antonio Basile** illi ddikjara illi hu impurtatur ta' ikel fin jew delicatessen, per ezempju bhal Bottarga Affimugata, Porcini, Pasta Integrale, tip ta' ghagin etc. Ried jimporta f'Malta gobon ta' tip specjali li ma ssibx hawn Malta, u ghal dan ried jixtri fridge li hija ta' tip orizzontali. Kien mar ghand Creative Refurbishing Centre Malta Limited u dawn kienu offrewlu freezer ghax ma kellhomx fridge fil-fabbrika tat-tip li ried u qalulu li ser jimmodifikawlu t-thermostat biex igibuha tahdem bhala fridge. Kien accetta pero basta illi ma jkollux il-problemi. Hallashom l-ammont ta' disa' mija u tmintax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€918.59c).[2] Ghal l-ewwel tliet xhur din hadmet sew pero` wara tliet xhur bdiet bil-problemi. Din is-suppost fridge trid tahdem bejn zero degrees Celsius sa four degrees Celsius. Pero` f'dan il-kaz din il-fridge li xtara kellha tibqa bejn zero degrees Celsius sa eight degrees Celsius pero` f' dan il-kaz malli kien jasal sa plus ten degrees Celsius il-mutur kien jibda jahdem u mbaghad kien jispicca b'minus four degrees Celsius jigifieri kien jerga' jintefa' bhal freezer.

"*Ghalhekk kienet qed tiffrizali l-gobon li kien mizmum f' din il-freezer, u wkoll meta din kienet tifforma s-silg fil-wicc tal-freezer imbaghad meta kien jinzel sa plus 10 dan is-silg kien imbaghad idub u jirrovina l-gobon ghax kien ixarrab il-gobon. Bghatilhom zewg e-mails zgur f' Marzu u April, [3]. Kien gie technician li qalli li t-thermostat kellu l-hsara u kien gie b' rimpjazzament tat-thermostat li dan ma kienx l-originali tal-freezer in kwistjoni, fil-fatt kien ikbar ghax ma kienx joqghod fejn kien joqghod it-thermostat l-iehor*".

It-technician kien issuggerixxa li jaghmel toqba fil-freezer biex ikun jista' jghaddieh sew dan it-thermostat pero` ma acettax li jaghmel il-hsara lil din il-freezer gdida. Infatti ssuggerixxa thermostat digitali li qal li ha jirranga kollox u jgib il-freezer f' kundizzjoni ta' fridge. Pero` ghad-digitaliirrifjutaw li jhallsuh huma u kellu jhallas ghalih hu. M' accettax ghaliex dan kien taht garanzija wara skambju ta' e-mails u

[1] Ara dok AB1
[2] Ara Dok AB1
[3] Arad ok B1 u B2

telefonati tawh timer. It-technician kien ipprogrammah dan it-timer, tahulu f' idejh biex jinserieh hu pero ma accetax ghaliex ippretenda li dan jaghmlu it-technician. Dan issupervja u telaq il-barra. L-attur mar il-*Consumer Affairs* pero` peress li ma huwiex konsumatur imma dan huwa tip ta' business ma setghux jehdulu l-kaz. Imma l-persuna li kien hemm hemmhekk quddiemu cemplet lis-sid – li kien ikkommetta ruhu li jara l-freezer. L-ghada hu stess pero` qatt ma mar. Il-freezer illum ghadha fil-pusess tal-attur u kellu jixtri ohra.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2014 it-Tribunal ta digriet fuq talba tal-partjiet u hatar espert biex jisma l-provi kollha tal-partijiet u jaghmel rapport.

Xehed l-espert tekniku Andre Tabone fejn ikkonferma r-rapport tieghu dwar ic-chest freezer mibjugha lill-attur, kien hemm tlett seduti, wahda fl-10 ta' Dicembru,2013 fil-warehouse tal-attur. Illi l-espert tekniku ezamina ic-chest freezer li nbieghet lill-attur u gie infurmat illi din kienet giet modifikata biex tahdem bhala 'cooler' permezz ta' thermostat. Illi t-thermostat huwa apparat li jgieghel lill-freezer tintefa meta l-freezer tilhaq tempertaura mixtieqa. Illi nzammet seduta ohra fil-25 ta' Novembru, 2014 u access iehor fis-26 ta' Novembru ,2014.

"*Dwar il-mertu tat-talba u l-inkarigu moghti lili, l-osservazzjonijiet tieghi huma s-segwenti:-*

*Qatt ma huwa rakkomandat li jsiru modifikazzjonijiet sabiex apparti li jkun inbigh bhala freezer jithaddem bhala cooler. Ghalkemm dan huwa possibbli, il-unit qatt ma jista' jkun li tahdem sew u dan ghaliex l-evaparator huwa ddizinjat ghal freezer. Filwaqt li l-evaporator ikun jahdem tajjeb ghal freezer, meta l-istess unit jintuza bhala cooler, l-evaporator, li jiccirkondi l-parti ta' fuq tac-chest freezer minn gewwa, parzjalment jiffriza filwaqt li parzjalment jifforma qtar (droplets), liema effett huwa maghruf bhala chilling, li eventwalment jipperkolaw fil-qiegh tal-unit. Barra minn hekk, jekk unit li jkun inbigh bhala freezer jigi modifikat sabiex jintuza bhala cooler, il-lifetime tal-unit ikun ridott b'mod sinnifikanti. Dan ghaliex il-manifatturi tal-kompressuri jimmanifatturaw tlieta (3) tipi ta' kompressuri – low back pressure compressors ghal freezers, medium back pressure compressors ghal coolers u high back pressure compressors ghal air conditioners. F'dan il-kaz, low back pressure compressor intuza fuq cooler u ma*

*thalliex jilhaq il-working pressure adegwata, ghaliex kif it-temperatura tilhaq bejn wiehed u iehor zewg gradi Celcius (2°C), it-thermostat jitfih. B'dan il-mod, il-kompressur qatt ma jilhaq il-pressjoni li suppost jilhaq bhala low back pressure compressor, u ghalhekk jahdem dejjem taht stress, senjatament taht higher return pressure. Dan eventwalment iwassal sabiex il-kompressur jieqaf.*

*Il-working pressure idonea ghal low back pressure compressor hija dik li tintlahaq mill-ghaxar gradi taht iz-zero (-10°C) l-isfel, filwaqt li dik ideali ghal medium back pressure hija dik li tintlahaq bejn zero gradi Celsius u ghaxar gradi Celsius (0 - 10°C). Dan ghaliex it-temperatura gewwa l-evaporator (maghrufa bhala evaporating tempreture) hija dejjem bejn hames u seba' gradi Celsius (5 - 7°C) aktar baxxa mit-temperatura ta' gewwa l-unit.*

*Fl-access mizmum fis-26 ta' Novembru, 2014 ikkonstatajt li t-temperatura ta' gewwa l-unit kienet erbgha punt hamsa gradi Celsius (4.5°C), liema temperature hija wahda korretta ghal chiller, izda l-hitan ta' gewwa tac-chest freezer kienu mxarrba bil-condensation. Dan ikkawza livell gholi ta' moisture fil-cabinet, liema kundizzjonijiet zgur mhumiex adegwati ghal gobnijiet u affarijiet ohra tal-ikel. Il-gobon jirrikjedi umdita` kkontrollata u atmosfera niexfa, li f'dan il-kaz zgur mhux qed jintlahaq".*

Illi hareg car mill-provi li l-attur kellu bzonn "cooler" ghall-hazna ta' prodotti tal-ikel bhal gobnijiet. Illi ghalhekk il-konkluzjoni tal-espert kien car illi din il-freezer ma setghet qatt tahdem bhala 'cooler' ghall-gobnijiet u affarijiet ohra tal-ikel. Dan rega gie ikkonfermat fix-xhieda tieghu fit-23 ta' Marzu, 2013 fejn qal li "*din il-freezer modifikata mhix tajba ghal gobnijiet ghaliex tikreja condensation u dan mhux tajjeb ghal gobnijiet ghax imbaghad jimmofaw u ghalhekk mhix tajba ghar-raguni li rieda s-Sur Basile".*

**Decizjoni**

Ghal din ir-raguni t-Tribunal ihoss illi t-talba tal-attur giet sufficjentement ippruvata u ghalhekk taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur ghar-rifuzjoni tas-somma ta' disa' mija u tmintax-il ewro u disgha u hamsin centezmu (€918.59c) u dan inkluz l-ispejjes kollha inkluz dawk tal-espert tekniku u l-imghaxijiet kollha kif mitluba fl-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------